# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Tmien Legislatura**

### ***Laqgħa numru 50***

***09 ta' Jannar 2019***

### ***Preżenti***

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Noel Scerri -Kunsillier

### ***Assenti b'apoloġija***

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *50.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

50.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit talab biex ikun skużat mill-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.

## *50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

50.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

50.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono f'isem il-Kunsill kollhu xtaq jilqa wara diversi snin għal darb'oħra l-Kunsillier is-Sur Noel Scerri li kien serva fil-Kunsill Lokali fl-leġislaturi preċedenti. Huwa ġie elett fil-by-election u ser ikun qed jieħu post l-ex Kunsillier is-Sur Frank Zammit. Min naħa tiegħu l-Kunsillier is-Sur Noel Scerri rringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tal-awgurju tagħhom.

50.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal lill-Membri preżenti li kif ġie miftiehem fis-seduta preċedenti l-Kunsill informa lill-familja Baldachhino li l-Kunsill ser ikun qed jħallas €3,000 sabiex isir l-bust tal-Isqof Baldacchino, li kien l-uniku isqof li twieled u trabba fil-Marsa. Il-post fejn ser ikun qiegħed jitpoġġa dan il-bust huwa fejn qed isir il-proġett ta' Triq Isouard ma Triq Qormi li kienet iż-żona ta' fejn l-Isqof trabba.

Il-Viċi Sindku s-Sur josef Azzopardi daħal fis-seduta fis-6.25p.m

## *50.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

50.4.1 Il-kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li matul dawn l-aħħar ġranet kulħadd seta' jara is-saga tal-immigranti li nqabdu bejn sema u ilma barra mill-ibħra Maltin. Huwa faħħar l-impenn tal-Prim Ministru Malti li ntervjena f'dan il-kaz u offra għajnuna lill-persuni fil-bżonn. Madanakollu, l-Kunsillier xtaq jiġbed għall-attenjoni tal-Kunsill li dawn l-immigranti jistgħu jispiċċaw jgħixu kollha l-Marsa, li mhuwiex ġust meta tqis l-problemi li din il-lokalita' għandha f'dan ir-rigward.

Huwa għalhekk talab lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Prim Ministru biex l-immigranti jkunu mqassma b'mod ġust fl-lokalitajiet differenti u mhux fil-Marsa biss. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li m'għandu l-ebda problema f'dan ir-rigward u l-Kunsill ser ikun qed jagħmel kommunikat mall-Prim Ministru.

50.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li min informazzjoni li għandhu nstabu xi fdalijiet storiċi fl-akwata ta' fejn qed isir it-tħaffir tal-vilaġġ tal-karnival. Huwa talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-awtorita' kompetenti sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk dan huwiex minnu u x'passi ser jittieħdu sabiex dawn il-fdalijiet ikunu kkonservati. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser ikun qed isir kommunikat mas-Sur Pace mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

50.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri talab lill-Kunsill sabiex bħalma kien fl-imgħoddi talab fl-leġislaturi preċedenti jkun hawn triq fil-Marsa li tissemma għall-ex Prim Ministru Duminku Mintoff, persuna maħbuba ħafna fost il-Marsin. Wara diskussjoni li saret fost il-membri preżenti s-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill jista' jerġa jagħmel kuntatt maċ-Chairman tal-Bord sabiex tinstab triq adegwata għal dan il-għan.

50.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri xtaq isaqsi dwar il-possibilita' li jiżdiedu direction signs fl-akwata tal-fabbrika tat-tqieq. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ilu ħafna jinsisti ma Transport Malta sabiex jiżdiedu dawn is-signs mingħajr ebda riżultati. Il-Kunsill ser ikompli jagħmel pressjoni sabiex dan is-sigurta' fit-toroq Marsin ikompli jiżdied.

## *50.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *50.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

50.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-familja Borg qed tressaq talba lill-Kunsill sabiex isir bust bħala tifkira u kommemmorazzjoni ta' personaġġ li tant ħadem għal lokalita', li huwa s-Sur Joe Borg. Il-familja lesta li toħroġ parti mill-ispiża sabiex isir dan il-bust, iżda qed titlob l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie maqbul li l-Kunsill ser ikun qed jagħti l-ammont ta' €3,000 sabiex jitlesta dan il-bust tas-Sur Joe Borg li tant kien maħbub fost ir-residenti tal-lokal. Huwa kien trejdjunjonista fil-General Workers Union. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.7 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekkuttiv*

50.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot favor kien unanimu.

## *50.8 Ftuħ ta'kont bankarju tal-Fondi Ewropej u Proġetti Ewropej*

50.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex jinfetaħ kont bankarju tal-fondi Ewropej sabiex il-flus li l-Kunsill jieħu fil-futur min proġetti relatati mall-Unjoni Ewropeja, jkunu jistgħu jitqiegħdu f'dan il-kont. Matul is-sena li għaddiet daħlu l-ammont ta' madwar €11,000 li minhom diġa' ntefqu fl-attivitajiet tal-program '*Snapshot on the Borders*'. B'dan il-mod l-awditjar tal-fondi li jirċievi l-Kunsill mill-UE ikun ifaċċilitat b'dan il-mod. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.9 Talba ta' Ġemellaġġ mall-Comune ta' Bari ġewwa l-Italja*

50.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li meta kien Vienna kellu l-opportunita' jiltaqa' mas-Sindku ta' Bari fejn hemm opportunita' li jsir ġemellaġġ mall-Kunsill Lokali tal-Marsa fi proġetti ta' kultura u festi u b'ammont ta' fondi li jlaħħqu l-€25,000. Flimkien ma dan il-proġett hemm ukoll proġett ieħor bl-isem '*Empowering isolated coastal MED communities tackle strategic innovation in tourism with diversified heritage offers and place-based investments in the Cultural & Creative Industries. CREATOUR*'. Permezz ta' dan il-programm il-Kunsill jistgħa jibbenefika mill-ammont ta' €250,000 f'fondi. Il-Kunsill ser ikun f'kuntatt mall-organizzazzjoni KOPIN li għandhu esperjenza fl-amministrazzjoni ta' proġetti bħal dawn. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.10 Laqgħa Pubblika*

50.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li skont il-liġi, l-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalita' qabel ma jiġi approvat l-Estimi Annwali. Il-Membri kollha tal-Kunsill qablu li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Erbgħa 6 ta' Frar fis-sebgħa ta' filgħaxija fil-bini tal-Kunsill wara li tispiċċa l-Laqgħa tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.11 Deċiżjoni fuq it-Tender tas-Soft Areas*

50.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li t-tender tas-Soft Areas li ġie ppublikat aktar kmieni x-xahar li għadda spiċċa kellu jiġi kkancellat minħabba l-fatt li ma kien hemm l-ebda kuntrattur li poġġa l-offerta. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jifdallu l-ebda triq oħra ħlief li jerġa joħroġ is-sejħa permezz tas-sistema elettronika ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt il-vot favur kien unanimu.

## *50.12 Deċiżjoni fuq it-Tender tal-Ġonna Pubbliċi*

50.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li t-tender tal-Ġonna Pubbliċi li ġie ppublikat aktar kmieni x-xahar li għadda spiċċa kellu jiġi kkanċellat minħabba l-fatt li ma kien hemm l-ebda kuntrattur li poġġa l-offerta tiegħu. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jifdallu l-ebda triq oħra ħlief li jerġa joħroġ is-sejħa permezz tas-sistema elettronika ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt il-vot favur kien unanimu.

## *50.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

50.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal 6 ta’ Frar fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 6 ta’ Frar 2019